MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 211/2008/1

**Lighthouse Communications Ltd**

**Vs**

**Michele Peresso Ltd. (C6469) u ghal kull interess illi jista' jkollha Euro Sport Limited (C32991)**

Il-Qorti,

Fil-15 ta' April 2013, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat

is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors ippresentat mis-socjeta rikorrenti fit 23 ta' Mejju 2008 fejn stqarriet illi hija kienet tqabbet mis-socjetajiet intimati Euro Sport Limited u Michele Peresso Limited sabiex tipproducielhom magazine biex jitqassam ma Malta u Ghawdex kollu bl-isem 'Eurosport Malta's Leading Sports Shops', f' Lulju 2007, liema magazine gie pubblikat u kien fadalu bilanc ta'hlas dovut ammontanti ghal ghaxart elef, mija u tnejn u erbghin Euro, u sitta u hamsin centezmu (€10,142.56), liema bilanc izda kien ghadu ma thallasx mis-socjeta intimati minkejja li kienu gew debitament interpellati.*

*Rat ir-risposta ippresentata mis-socjetajiet intimati fis 16 ta' Ottubru 2008 fejn, preliminarjament stqarret illi kien hemm kawza bejn il-partijiet, fl-ismijiet inversi, Avviz Nru 159/08, fuq l-istess meritu, ugahlhekk kien opportun illi l-kawza tinstema kontestwalment mal-kawza l-ohra. Fuq il-meritu, imbghad, is-socjetajiet intimati eccepew illi x-xoghol tal-magazine ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk ma kellu jithallas ebda bilanc lis-socjeta rikorrenti.*

*Rat illi fit-13 ta' Jannar 2009, din il-Qorti, diversament ippresjeduta, astejniet milli tkompli tisma l-kaz sabiex il-kawza titkompla tinstema mill-Qorti, kif dakinhar ippresjeduta, li kienet qed tisma l-kawza 159/08.*

*Rat illi fl-10 ta' Marzu 2009, il-partijiet qabblu illi l-provi kollha prodotti fil kawza 159/08 fl-ismijiet 'Michele Peresso et vs Lighthouse Communications Limited' japplikaw ghal kawza odjerna ukoll.*

*Rat l-affidavit ta' Cynthia Calleja, impjegata tas-socjeta rikorrenti u li tieghu hsieb l-advertising tal-kumpanniji kollha formanti il-Group ta' Michele Peresso, ippresentat fit 28 ta' Ottubru 2008 u d-dokumenti minnha esebiti kif ukoll il-kontro ezami taghha illi sar fit-8 ta' Frar 2012.*

*Rat l-affidavit ta' Christina Peresso, direttur tal-kumpannija, ippresentat fit 28 ta' Ottubru 2008 u d-dokumenti minnha esebiti kif ukoll il-kontro ezami taghha illi sar fit-8 ta' Frar 2012.*

*Rat l-affidavit ta' Alan Parascandalo, ippresentat fl 4 ta' Novembru 2008 u il-kontro ezami tieghu illi sar fis-26 ta' Novembru 2012.*

*Rat l-affidavit ta' Antonio Ghio, ghalliem gewwa l-MCAST tal-'printing technology', ippresentat fl 20 ta' Jannar 2009 u il-kontro ezami tieghu illi sar fis-27 ta' April 2012.*

*Rat ix-xhieda moghtija viva voce fl 10 ta' Marzu 2009 ta' Roderick Muscat Monsigneur, direttur tas-socjeta intimata u dokumenti maghha esebiti kif ukoll il-kontro ezami tieghu illi sar fit-8 ta' Frar 2011.*

*Rat ix-xhieda moghtija viva voce fit-13 ta' Mejju 2009 ta' Edwin Mallia, Manager fi hdan il-Maltapost Limited inkarigat mid-deliveries, kif ukoll il-kontro ezami tieghu illi sar fis-27 ta' Ottubru 2010.*

*Rat l-affidavit ta' Patricia Zahra, impjegata mas-socjeta intimata bhala 'Business Relations Officer', ippresentat fl 10 ta' Novembru 2009 u l-kontro ezami taghha illi sar fis-27 ta' Ottubru 2010.*

*Rat l-affidavit ta' Dr Marco Marziale, direttur tas-socjeta Taljana Fratelli Spada, illi kienet giet inkarigata taghmel l-istampar tal-magazine meritu tal-kawza odjerna, ippresentat fl 10 ta' Novembru 2009 u il-kontro ezami tieghu illi sar fis-27 ta' Ottubru 2010.*

*Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal 15 ta' April 2013 bil-fakolta' tan-noti.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentata fit 18 ta' Jannar 2013 u tas-socjeta intimata ippresentata fl 1 ta' Marzu 2013.*

*Ikkunsidrat*

*Illi il-kawza odjerna tirrigward pubblikazzjoni ta' magazine da parte tas-socjeta rikorrenti fuq istruzzjonjiet tas-socjetajiet intimati, liema magazine, intitolat 'Eurosport Malta's Leading Sports and Casual Shops', kellu jitqassam ma' Malta u Ghawdex kollu fix-xhur tas-sajf tas-sena 2007 bhala parti mill-kampanja ta' advertising tas-socjetajiet intimati ghas-Sale tas-sajf 2007.*

*Illi s-socjeta rikorrenti, illi kienet gia tqabbdet precedentement biex taghmel magazine iehor simili ftit taz-zmien qabel fuq materjal disinjat minn socjeta ohra imqabbda mix-socjetajiet intimati, kienet, fil-kaz odjern, tqabbdet sabiex kemm tiddisinja kif ukoll tippubblika il-magazine.*

*Tali magazine, illi kien intiz sabiex jippromuovi il-bejgh tas-socjetajiet intimati, kien juri hafna mill-prodotti illi kienet qed tbiegh is-socjeta intimati fiz-zmien, fosthom il-prodotti tas-socjeta Adidas.*

*Bhala parti mill-process biex il-magazine jitlesta, is-socjeta rikorrenti hadet ritratti tad-diversi prodotti illi s-socjetajiet intimati riedu jippromuovu u dawna, flimkien mad-disinn tal-magazine, intbghat mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimati ghall approvazzjoni taghhom. Sussegwentement, wara illi dawna gew approvati, l-materjal intbghat barra minn Malta, lis-socjeta taljana Fratelli Spada, fejn dawna ippubblikaw madwar 145,000 kopja, u dawna intbghatu lura lis-socjeta rikorrenti ghad-distribuzzjoni f'Malta u Ghawdex.*

*Bhala parti mill-ftehim, is-socjeta rikorrenti, meta bdiet tqassam il-magazines, ghaddiet hamest elef kopja li-socjeta intimati sabiex tkun tista tiddistribwixxi l-istess fil-hwienet taghha. Dakinhar stess flighaxija, ossija fil 31 ta' Lulju 2007 fl 22.38pm, il-Managing Director tas-socjeta initmati, Christina Peresso, kitbet lis-socjeta rikorrenti fejn infurmatha illi l-prodott kien skadenti peress illi kien ta' kwalita' baxxa hafna u intimat lill-istess socjeta rikorrenti sabiex, fi zmien gimgha, tindika r-rimedji illi setghu isiru ghal dana il-fatt.*

*Jumejn wara, fit 2 ta' Awissu 2007, is-socjeta rikorrenti irrispondiet fejn qalet illi huma ma setghu jaraw ebda difetti kif kien qieghed jigi allegat mis-socjeta intimati, madanakollu, hija ghaddiet l-ilment lis-socjeta estera Fratelli Spada li kienu stampaw il-magazine sabiex jikkummentaw dwar tali ilment.*

*Fid-9 ta' Awissu s-socjeta intimati talbu lis-socjeta rikorrenti sabiex tirrifondi d-depositu lilha imhallas u tigbor il-magazines li kienet ghadditielha filwaqt illi stqarret li s-socjeta Adidas kienet ser tipprotesta ghal tali prodott, liema protest di fatti sar fid 19 ta' Awissu 2007.*

*Dakinhar stess, is-socjeta rikorrenti regghet ghal darba ohra irrfjutat responsabbilta' ta dak allegat u ghamlet referenza ghas-stharrig u kummenti maghmulha mis-socjeta estera Fratelli Spada, li ghaddiet ukoll lill-istess socjeta intimati. Tali kummenti kienu jghidu:-*

*The copies which we have checked, show a slight weakness in the charge of the yellow and extra strength in the charge of red when compared with the colour proof we have made for the front page. Although the difference in the two colours is only +/- 7%, it is sufficient to alter the final result. Unfortunately, the quality of the repro is not very good and printing on 57 gsm LWC (which has a relatively low whiteness) does not make things better.*

*Is-socjeta rikorrenti, madanakollu, stiednet lis-socjeta intimati sabiex jiltqghu biex jiddiskutu soluzzjonijiet. Madanakollu, permezz ta' email datata 16 ta' Awissu 2007, Christina Peresso infurmat illi kwalsiasi laqgha hija "completely futile and a completely (sic) waste of time" u intimat illi kienu ser jinbdew proceduri legali. Tmien xhur wara inbdew il-proceduri legali mis-socjetajiet intimati u sussegwentement inbiet il-kawza odjerna ghal hlas tal-bilanc.*

*Ikkunsidrat.*

*Illi tul il-proceduri, il-partijiet ipproducew esperti, minn naha tas-socjeta intimati, u l-istampatur, minn naha tas-socjeta rikorrenti, sabiex jressqu il-veduti taghhom dwar il-prodott finali meritu tal-kawza odjerna, fejn ix-xhieda tas-socjeta intimati qalu illi l-prodott ma kienx tal-livell misthoq u certi stampi ma kienux ta' kwalita accettabbli filwaqt illi x-xhieda tas-socjeta rikorrenti stqarr illi kien hemm varjazzjonjiet zghar fil-kuluri adoperati izda tali varjazzjoni kien zgir u ghalhekk kien ta tollerranza accetata fil-qasam tal-istampar.*

*Il-Qorti kellha l-possibbilta illi tanalizza hija stess il-magazine meritu tal-kawza odjerna, ossija id-dokumenti ippresentat bhala Dok CC12 a fol 54 tal-process, u dana mhux bl-ottika ta' espert f'dana il-qasam izda bhala cittadin komuni li ghalih dana il-magazine kien finalment indirizzat.*

*Mill-ewwel daqqa t'ghajn, jidher car illi l-prodott ghandu ftit kulur aktar hamrani minn dak mixtieq u jirrizulta wkoll illi, f'certi pagni, certi prodotti setghu kellhom ftit lewn roza ghalkemm kienu bojod. Ghalhekk, jidher car illi xi difettt fl-istampar attwalment kien hemm. Madanakollu, harsa lejn il-prodott globali, ossija it-tnax il-pagna tieghu, certament ma jwassalx ghall-konkluzjoni li qed tasal ghaliha s-socjeta intimati illi l-prodott kollu huwa skadenti, u dana peress illi l-magazine xorta ottjena l-ghan tieghu billi wera id-diversi prodotti li s-socjeta intimati kienet qed tbiegh lic-cittadin komuni u certament, il-kwalita' tal-istampar ma kienx ser inaqqas fil-fatt jekk il-klijent giex imhajjar jew le jixtri il-prodott tas-socjeta intimati, illi huma prodotti ta' ditti rinomati u ricerkati minn kullhadd.*

*Illi ghalhekk, l-argument imressaq mis-socjeta intimati illi ma kellha thallas xejn tal-prodott peress illi ma sarx skond is-sengha u l-arti ma jirrizultax. Semmai, ghandu japplika xi tnaqqsi fil-bilanc dovut, bhala kumpens ghal xoghol hazin.*

*Illi s-socjeta intimati, apparti l-ilment illi l-prodott kien skadut, tilmenta wkoll illi l-magazine ma tqassamx ma' Malta u Ghawdex kollu u, biex tiggustifika tali ilment, tistqarr li, f'hargiet sussegwenti ma kumpanniji ohra, giet mitluba*

*tippubblika 160,000 kopja u mhux 140,000 kopja ghad-distribuzzjoni ma' Malta u Ghawdex kollux. Apparti minn hekk, tippresenta studju illi hija ghamlet fost il-klijenti taghha fejn gie innutat li minn fost 53 klijent li gew mistoqsija, 24 stqarrew li ma rcevewx il-magazine.*

*Is-socjeta initmata, minn naha taghha, esebit survey illi hija taghmel regolarment rigward il-magazine illi hija tippubblika regolarment bl-isem ta' 'The Bargain', illi mieghu tqassam il-magazine tas-socjeta intimati, illi jaghti rizultat differenti fis-sens illi jirrizulta li hamsa u disghin fil-mija tal-persuni li gew intervistati ikkonferma illi rcevew il-magazine 'The Bargain'. Illi dana ifisser, skond is-socjeta rikorrenti, li l-magazine meritu tal-kawza odjerna kellu l-istess livell ta' infiltrazzjoni ukoll.*

*Il-Qorti, rinfaccjata b'dawn iz-zewgt rapporti konfliggenti, ma tistax ma tinnutax illi, kif stqarr ir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, ir-rapport minnhom redatt huwa importanti ghall-business taghhom billi huwa l-uniku mod kif jistghu ikejjlu l-infiltrazzjoni tal-magazine taghhom mac-cittadin u li, is-sahha tieghu, ikunu jistghu jiffaccjaw id-diversi negozzjanti illi regolarment jirreklamaw fuq il-magazine taghhom. Apparti minn hekk, ghandu jinghad ukoll illi tul il-korrispondenza kollha skambjata bejn il-partijiet qabel ma infethet il-kawza, qatt ma saret referenza ghal tali nuqqas. Il-Qorti ghalhekk tasal ghal konkluzjoni illi dana huwa biss tentattiv iehor da parte tas-socjeta intimati biex tiskredita s-servizz tas-socjeta rikorrenti bil-ghan illi tipprova l-argument taghha.*

*Il-Qorti tinnota li l-prodott finali huwa dak li hu, w id-difetti li hemm huma visibbli ghalkemm mhux devastanti kif donnha taghti x'tifehm is-socjeta intimati, u ghalhekk ma kellha bzonn tressaq ebda argument iehor biex tiggustifika l-ilment taghha dwar il-kwalita finali tal-prodott.*

*Madanakollu, il-Qorti tosserva ukoll illi l-ilment tas-socjeta intimati dwar il-kwalita' tax-xoghol huwa gustifikat u ghalhekk jimmerita illi l-bilanc dovut mis-socjeta intimati lis-socjeta rikorrenti jigi ridott biex jipprovdi kumpens ghad-danni illi setghu allegatament soffrew.*

*Konkluzjoni*

*Il-Qorti,*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiema u quddiem din il-Qorti, diversament ippresejeduta u*

*Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonjiet tal-partjiet*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi*

*Filwaqt illi tasjetni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjjoni billi dina giet eventwalemnt sorvolata, tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta intimata limitatament fis-sens illi ser tipprovdi kumpens finanzjaru ghal-fatt illi x-xoghol ghandu certi difetti li setghu jigu rimedjati u ghalhekk tichadha fejn tali eccezzjoni talbet li t-talba attrici tigi respinta.*

*Tillikwida, arbitro buoni viri, id-danni rizultanti ta' difetti illi kien hemm fl-istampar tal-magazine meritu tal-kawza odjerna, fl-ammont ta' elfejn euro (€2,000)*

*Tilqa it-talba attrici limitatament billi tikkundanna lis-socjetajiet intimati ihallsu lill-istess socjeta rikorrenti is-somma ta' tmint elef, mija u tnejn u erbghin Euro u sitta u hamsin centezmu (€8,142.56) bhala bilanc dovut lilha dwar il-produzzjoni u tqassim ta' magazine bl-isem 'Eurospost Malta's Leading Sports and Casual Shops'.*

*Bl-imghax skond il-Ligi kif mitlub u bl-ispejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a karigu tas-socjeta intimats".*

Illi l-appellanti s-socjetajiet Euro Sport Limited u Michele Peresso Limited appellaw mill-imsemmija sentenza fit-termini tal-aggravji li jikkoncernaw:-

1. Apprezzament hazin tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. L-appellanti jishaq illi l-likwidazzjoni fl-ammont ta' €2000 mill-Ewwel Qorti kellu ikun akbar.

2. Illi l-aggravvju l-iehor imressaq jikkoncerna t-terminu minn meta kellhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet fuq l-ammont li giet ikkundannata thallas l-istess socjeta appellanti, liema ammont kellu jibda

jiddekorri mid-data tas-sentenza finali, kif ukoll l-ispartizzjoni ta'l-ispejjez gudizzjarji billi l-Ewwel Qorti fil-gudizzju taghha *in parte* tghatha ragun ghar-rigward ta' l-ilment imressaq minnha u cioe' illi l-prodott finali kellu d-difetti.

Illi ghar-rigward ta' l-ewwel aggravvju sollevat mis-socjeta appellanti, dina il-Qorti diga' esprimiet ruhha fis-sentenza moghtija illum stess fl-appell fl-ismijiet **Michele Peresso Ltd. u Euro Sport Ltd. vs Lighthouse Communcations Ltd.** u kwindi a skans ta' repetizzjoni il-Qorti qed taghmel taghha f'dan il-gudizzju il-motivazzjonijiet imnissla fil-gudikat surreferit. Ghaldaqstant il-Qorti ittenni ghal darb'ohra illi hija tal-fehma illi s-socjeta appellanti ma irnexxiliex tressaq provi sodisfacenti sabiex issostni l-aggravvju taghha u cioe' illi d-difetti li kien fih il-prodott finali kienu essenzjali tali illi jaghtuha id-dritt ghar-risoluzzjoni tal-ftehim ta' l-appalt.

Illi f'dina l-istanza, madanakollu is-socjeta appellanti, *in subsidium* ghall-ewwel aggravju minnha imressqa, li kif inghad qed jigi respint, tilmenta illi l-ammont ta' €2000 moghti mill-Ewwel Qorti *arbitrio buoni viri* bhala diminuzzjoni fil-prezz ta'l-appalt miftiehem ghad-difetti riskontrati fil-prodott finali huwa ftit wisq billi dana ma jirriflettiex in-nuqqas da parti tas-socjeta appellata iktar u iktar in vista tal-fatt illi l-kont ghal-prodott finali tela' ghal €19006.98.

Illi din il-Qorti diga esprimiet ruhha dwar in-nuqqas ta' provi imressqa 'il quddiem mis-socjeta appellanti fir-rigward tad-danni subiti minnhom in konsegwenza tax-xoghol difettuz li sar mis-socjeta appellata jew ahjar is-

subappaltatur ikkummissjonat minnha. Tali nuqqas ghalhekk ma setax hlief jipprezenta diffikulta ghall-Ewwel Qorti sabiex tasal biex tillikwida dawn id-danni tenut kont tal-fatt ukoll illi ma kenitx meghjuna minn esperti teknici moghnija bl-gharfien tas-sengha ta'l-istampar li setghu jassistuha. L-Ewwel Qorti madanakollu taghti il-valur tat-telf subit mis-socjeta appellanti fl-ammont ta' €2000. Issa huwa minnu illi mill-qari tal-parti dispositiva tas-sentenza dik il-Qorti ma taghtix raguni ta' kif waslet biex stabbiliet dana l-ammont, izda ma hemmx dubbju illi taghmel dan, in succint, fil-parti razzjonali taghha.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza Edward Zammit vs Joseph Pitre Ltd.:

**"Illi kull gudizzju, sija jekk moghti minn qorti jew minn tribunal gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju, ghandu, fil-minimu, jikkontjeni motivazzjoni li turi l-ghaliex qorti jew tribunal ikun wasal ghal dik id-decizjoni tieghu. ... d-dottrina procedurali tidher li ssegwi l-linja illi jkun sufficjenti li r-rizultanzi istruttorji jigu vvalutati fil-kumpless taghhom, purke l-gudikant jaghti indikazzjoni ta' dak l-element jew ta' dawk l-elementi li fuqhom ikun iffonda l-konvinciment tieghu.[1]"**

Din il-Qorti ghalhekk ma tara l-ebda mottiv sabiex tiddisturba id-diskrezzjoni ta'l-Ewwel Qorti meta hija waslet ghal likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-socjeta appellanti, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-provi kienu mankanti.

[1] Deciza App.Inf. 09/05/2008

Dana il-fatt izda jwassal lil din il-Qorti ta' revizjoni sabiex tara illi l-lanjanzi tas-socjeta appellanti f'dak li jirrigwarda l-akkollament ta'l-ispejjez gudizzjarji u ta'l-imghaxijiet jimmerita akkoljiment.

Illi l-artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jidher li jenuncja zewg regoli. Fl-ewwel subinciz tieghu jipprovdi li "**kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez**". Skond id-dispost tat-tielet sub-inciz "**il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwestjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.**" Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez jew inkella illi jkun hemm temperament f'kaz ta' eccezzjoni specjalissima.

Gie deciz illi "**nulla osta in legge che la Corte d'Appello prenda cognizione del merito non per rivederlo ma unicamente per stabilire se, alla stregua della decisione non impugnata circa a tale merito, il capo delle spese sia stato bene definito**[2]"

Illi ma hemmx dubbju illi l-ilment ewlieni mis-socjeta appellanti kien illi ix-xoghol minnha ordnat kien fih certu d-difetti, fejn l-istess socjeta *in parte* giet moghtija ragun. Fil-kaz prezenti allura tenut rigward ta' dak pretiz u ta' dak effettivament likwidat il-Qorti tqis li jkun aktar gust jekk l-ispejjez gudizzjarji

[2] App. Inf. HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb dec 16/09/2004

jigu mizurati biex ikunu konfacjenti mal-ammont tad-danni likwidati u dana billi l-ispejjez gudizzjarji jinqassmu billi hamsa u sebghin fil-mija (75%) tbatihom is-socjeta appellanti u hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) jithallsu mis-socjeta appellata.

Illi ghalhekk fuq dana il-binarju il-Qorti tara illi anke l-imghaxijiet ghandhom jithallsu mis-socjeta appellanti mid-data tas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti u cioe' ghandhom ikunu dekorribbli fuq l-ammont ta' €8142.56 mid-data tal-15 ta' April 2013.

Ghal dawn il-motivi prevja l-akkoljiment tal-aggravji limitatament dwar l-ispartizzjoni tal-ispejjez gudizzjarji u il-hlas ta'l-imghaxijiet, din il-Qorti qed tichad l-aggravji kollha l-ohra. Tordna illi l-imghaxijiet legali fuq l-ammont ta' tmint elef mija u tnejn u erbghin ewro u sitta u hamsin centezmu (€8142.56), pagabbli mis-socjeta appellanti favur is-socjeta attrici appellata ghandhom ikunu dekoribbli mid-data tas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mis-socjeta appellanti u kwart mis-socjeta appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------